**RULING MOGĦTI MILL-ISPEAKER ANĠLU FARRUGIA FIS-SEDUTA 318 TA' NHAR L-ERBGĦA, 28 TA' OTTUBRU 2015 DWAR IMĠIBA MINN BARRANIN**

Is-Sedja tagħmel referenza għall-inċident li nqala' waqt is-Seduta Parlamentari tat-23 ta' Ottubru, 2015, meta kienu qed jiġu diskussi l-voti tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru fi stadju ta' Kumitat ta' Provvista, meta l-Onor. Ryan Callus ġibed l-attenzjoni tal-President tal-Kumitat, id-*Deputy Speaker* Ċensu Galea għal xi rimarki li huwa kien sema ġejjin min-naħa ta' l-iStrangers Gallery. L-inċident seħħ fl-aħħar tas-Seduta eżattament qabel tressaq l-aġġornament tal-Kamra. L-Onor Callus qal hekk:

> "Lili għajjarni, rajtu issa b'għajnejja. Dik il-persuna t'hemm fuq, li għandha n-nuċċali. Jien nitolbok tieħu azzjoni."

Wara li l-Onor. Ryan Callus reġa' qal:

> "Dik il-persuna li hemm hemmhekk. Dak, iva! Rajtu jien b'għajnejja u smajtu wkoll.",

l-Onor. Ċensu Galea immedjatament ħa azzjoni billi qal:

> "Nitlob lill-Marixxalli jieħdu l-informazzjoni tiegħu ħalli nkun nista' ninvestiga x'inhu l-każ. Jekk qed tiġi identifikata inti bħala l-persuna li għaddejt il-kummenti, jien ikolli bilfors ninvestiga x'inhu l-każ."

Fl-istess ġurnata, fis-seduta ta' filgħaxija, is-Sedja reġgħet qajmet dan il-każ u qalet li se tieħu l-passi meħtieġa f'dak li għandu x'jaqsam ma' investigazzjonijiet dwar dan il-każ.

Is-Sedja tirrileva mill-ewwel li jidher ċar li l-Onor. Ryan Callus ma qajjimx il-każ tiegħu a tenur tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap 113) b'referenza partikolari għall-paragrafu (b) tas-subartiklu 4 tal-artiklu 11, li jgħid li jkun reat kontra dan l-Att:

> "kull insult jew nuqqas ta' qima lill-persuna li tkun tippresjedi laqgħa tal-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha u kull insult jew nuqqas ta' qima lil wieħed mill-Membri tal-Kamra, ukoll jekk dak il-Membru ma jkunx preżenti fil-waqt tal-insult jew tan-nuqqas ta' qima, meta fil-każ il-wieħed jew l-ieħor l-insult jew in-nuqqas ta' qima jsiru quddiem il-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha waqt xi laqgħa tagħhom;"

Is-Sedja ttenni li f'dak il-mument li tqajjem il-każ, l-Onor. Ryan Callus ma kienx qed jitlob lis-Sedja biex tinvestiga jekk hemmx *prima facie* ksur ta' privileġġ fil-konfront tiegħu mill-persuna li ġiet identifikata mill-Onor Callus u li d-dettalji tagħha ġew meħuda.

Sussegwentement, fid-dawl ta' dak li qalet s-Sedja, kemm meta nqala' l-każ kif ukoll fis-Seduta sussegwenti meta s-Sedja esprimiet ruħha li kienet se tinvestiga l-każ, hija talbet lill-Iskrivan tal-Kamra biex jikteb direttament lill-persuna identifikata. Nikkwota mill-komunikazzjoni elettronika li ntbagħtet fit-23 ta' Ottubru 2015 lill-persuna kkonċernata għan-nom tas-Sedja:

> "Inkarigat mill-Ispeaker tal-Kamra sabiex ninfurmak li filwaqt li l-Kamra tad-Deputati llum 23 ta' Ottubru 2015 kienet qed tiltaqa' sabiex tiddiskuti l-Voti li jaqgħu taħt l-Uffiċċju tal-Prim Ministru fi stadju ta' Kumitat ta' Provvista, inti ġejt identifikat mill-Onor. Ryan Callus bħala l-persuna li għaddiet rimarki dispreġġjattivi fil-konfront tiegħu.
>
> Sussegwentement għall-punt imqajjem mill-Onor. Callus, is-Sedja, kemm kif dak il-ħin preseduta mill-Onor. Ċensu Galea, kif ukoll fis-seduta sussegwenti kif preseduta mill-Ispeaker Anġlu Farrugia, esprimiet ruħha li tali komportament mhuwiex aċċettabbli u li allura kienet se tkun qed tinvestiga dan l-inċident. Dan qiegħda tagħmlu *ai termini* tal-Ordni Permanenti 166 li jgħid hekk:
>
> > "**166.** Barranin fil-Kamra għandhom joqogħdu xuxa u joqogħdu siekta u ma għandhom juru ebda approvazzjoni jew diżapprovazzjoni."
>
> Għaldaqstant, qabel ma s-Sedja tipproċedi, inti qiegħed tiġi mitlub tikkjarifika l-pożizzjoni tiegħek fir-rigward tal-allegat komportament."

Fis-26 ta' Ottubru l-persuna identifikata kitbet lill-Iskrivan tal-Kamra, liema korrispondenza waslet b'mezz elettroniku. Naqra minn din il-korrispondenza:

> "Sur Scicluna,
>
> Grazzi tal-email tiegħek.
>
> F'dan ir-rigward ġentilment nixtieq nirrileva, illi jiena fl-ebda ħin m'għaddejt kummenti tal-ebda xorta versu l-Onor Callus jew lejn xi membru ieħor tal-Kamra tar-Rappreżentanti.
>
> Nixtieq ukoll nieħu din l-okkażjoni sabiex niskuża ruħi mal-membri kollha preżenti jekk seta' b'xi mod inħoloq xi inkonvenjent. Filwaqt li nassigurak minn rispett sħiħ tiegħi lejn il-Parlament u l-Parlamentari kollha."

Is-Sedja rat u għamlet referenza wkoll għal diversi ordnijiet permanenti tal-Kamra, fosthom l-ordnijiet permanenti nri 60, 62, 137, 165, 166, 167, 168, 169 u 170. Dawn kollha jitkellmu dwar kwestjonijiet ta' ordni; Kliem offensiv kontra l-Kamra jew kontra Membru; Dħul ta' Barranin u

kif dawn għandhom iġibu ruħhom; Setgħa tal-Marixxall; Fejn ma jistgħux jidħlu Barranin; u Irtirar tal-barranin.

Is-Sedja ħadet ukoll nota ta' dak li ntqal minn min kien qed jippresjedi meta nqala' l-każ. F'dak il-mument l-Onor. Ċensu Galea m'għażilx li jiddeċiedi minnufih li jneħħi dik il-persuna u dan *ai termini* tal-Ordni Permanenti 165 li jgħid hekk:

> "**165.** Barranin jistgħu jkunu preżenti fis-seduta tal-Kamra fil-postijiet imħollijin għalihom iżda għandhom jirtiraw meta jiġu mitluba biex jagħmlu hekk mill-i*Speaker,* jew, jekk il-Kamra tkun f'Kumitat, mill-President.
> Ebda barrani ma huwa ammess bi dritt."

Jidher li l-Onor. Ċensu Galea ma ħax dan il-pass għal żewġ raġunijiet: l-ewwel għaliex il-persuna indikata, flimkien mal-bqija tal-pubbliku li dak il-ħin kienu fl-iStrangers Gallery, kien diġà sejjer 'il-barra peress li d-diskussjoni kienet ġiet konkluża; u t-tieni għaliex il-President tal-Kumitat ried li qabel ma jieħu passi, jaċċerta ruħu mill-identifikazzjoni tal-persuna indikata sabiex tkun tista' ssir l-investigazzjoni. Fil-fatt hekk sar u ftit tal-ħin wara li ġiet aġġornata s-Seduta, l-Onor. Ċensu Galea rrapporta lill-Ispeaker dwar il-każ imqajjem mill-Onor Callus.

Fit-trattazzjoni tagħha tal-każ inkwstjoni, is-Sedja mill-ewwel tinnota li hemm żewġ verżjonijiet ta' x'ġara u dan għaliex min-naħa hemm il-każ li tqajjem mill-Onor Callus fis-Seduta tat-23 ta' Ottubru 2015 waqt li min-naħa l-oħra hemm in-negazzjoni tal-persuna kkonċernata fl-ittra tiegħu tas-26 tax-xahar. Is-Sedja qiegħda tinnota wkoll li *nonostante* din in-negazzjoni, il-persuna konċernata xorta waħda skużat ruħha mal-Membri kollha tal-Kamra għal xi inkonvenjent li seta' nqala' u tat assigurazzjoni li għandha rispett sħiħ lejn il-Parlament u l-Parlamenti kollha." Fid-dawl ta' dan is-Sedja qiegħda tikkonsidra l-każ bħala magħluq.

Madankollu s-Sedja tixtieq tagħmel referenza wkoll għall-fatt li f'kull ħin, meta barranin ikunu fl-i*Strangers Gallery*, min ikun qed dak il-ħin jippresjedi għandu d-dritt u s-setgħa li mingħajr ma jagħti ebda spjegazzjoni, biex iżomm l-ordni fil-Kamra jiddeċiedi li jordna lill-barranin joħorġu immedjatament mill-i*Strangers Gallery*. Jekk ikun hemm ir-rifjut, allura jkun hemm l-intervent tal-Marixxalli tal-Kamra.

Din is-setgħa toħroġ mill-istess Ordnijiet tal-Kamra diġà ċitati. Fl-eżekuzzjoni ta' din l-istess setgħa min ikun qiegħed jippresjedi huwa kkonfortat ukoll mill-prassi segwita fil-House of Commons Ingliża u nikkwota minn paġna 15 tal-24 edizzjoni tal-Erskine May:

*"Misconduct of the public in the galleries*

*Individual instances of misconduct on the part of visitors admitted to the galleries of the House of Commons have occurred from time to time, and the offenders have been removed from the galleries, or the galleries have been closed by the Speaker's directions, or the Speaker has issued a warning of his intention to clear the galleries if disorderly behaviour were to continue. The Speaker has suspended the sitting while the Strangers' Gallery has been cleared. The Serjeant, with or without an express direction from the Speaker, has removed from the gallery of the House a visitor who was behaving in a disorderly manner. Disorder in the galleries should not be noticed by the House."*

Is-Sedja ħadet nota wkoll tal-proċedura segwita f'parlamenti oħra tal-*Commonwealth*, u hawn tirreferi għad-dokument intitolat '*How Parliament works. Parliamentary practice in New Zealand*," fejn fil-kapitlu 11 li jitkellem dwar *The Chamber Building and Crowns,* jingħad hekk:

"*Conduct in the galleries*

*It is a condition under which strangers are permitted to be present at proceedings of the House that they do not misbehave or interrupt the business of the House. The Speaker and the Serjeant-at-Arms are authorised by the House to require any strangers who misconduct themselves or interrupt proceedings to withdraw from the galleries and the parliamentary precincts. In committee, the chairperson has this authority also. The Speaker has ordered all strangers to withdraw from particular galleries when it was impossible to distinguish between strangers in those galleries who were misbehaving and strangers who were not."*

Dan ifisser li jekk ikun hemm diżordni, anke jekk ma tkunx tista' tiġi identifikata l-persuna li tkun qed tikkawża d-diżordni, min ikun qed jippresjedi jista' jordna lill-persuni kollha fl-i*Strangers Gallery* sabiex jirtiraw u dan sabiex jinżamm l-ordni u sabiex is-Seduta tkun tista' tkompli.

Il-każ għalhekk qed jiġi magħluq b'avviż li s-Sedja mhi se tittollera l-ebda mġiba minn barranin li tista' b'xi mod toħloq diżordni fl-andament tax-xogħol ta' dan il-Parlament.

Ir-*ruling* huwa deċiż.